MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru. 333/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**

**KONTRA**

**AARON MIZZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Aaron Mizzi, bin Joseph u Rita' nee' Cassar, mwieled Pieta', nhar is- 27 ta' Mejju 1980, residenti fil- fond numru 9, Triq Valletta Road, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 258980(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ Ottubru 2006 u fix- xhur ta’ qabel gewwa Hal-Qormi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is- somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta’ Joseph Azzopardi, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu u aktar talli;

2) Fl- istess zmien, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta’ Joseph Azzopardi, u aktar talli;

3) Fl- istess zminijiet, sabiex kiser xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

4) U aktar talli, fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel uzu minn att, kitba jew skrittur falza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi b' din l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikat5ura Kriminali, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Il-mertu ta' dan il-kaz jittratta allegazzjoni ta' uzura fil-konfront tal-imputat. Mill-istqarrija tieghu esebita fl-atti jidher li l-imputat issellef xi flus b' imghax esagerat mill-idejn, u biex juri li jista' jhallas lura l-flus mislufa lilu, iffalsifika skritturi privati biex ikollu x'juri li ghandu minn fejn jaghti l-flus lill-kredituri tieghu, billi holoq debiti inesistenti favurih. Mid-dinamika tal-mertu tal-kaz kollu, l-imputazzjonijiet jistghu jitqiesu komprizi u nvoluti f' xulxin, u dang hall-finijiet ta' piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 293, 308, 310(1)(a), 188, u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------